Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tas-7 ta' Ottubru, 2005

Numru 504/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Raymond Aquilina**
**Spettur Alfred Mallia)**

**vs**

**--omissis—**
**--omissis—**
**--omissis—**
**--omissis—**
**Sandro Psaila**

**Illum 7 ta' Ottubru, 2005**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Sandro Psaila, iben Josephine Psaila, imwieled Pieta’ fis-26 ta’ Settembru 1972, residenti gewwa 74, Triq il-Lampara, Bahar ic-Caghaq, limiti tan-Naxxar u detentur tal-karta ta’ l-identita 455172(M) gie akkuzat talli:

1) F’dawn il-Gzejjer, bejn Mejju 2004 u Gunju 2004 u fix-xhur precedenti, ittraffika persuni ta’ l-eta’ cioe Marina Morozova u Natalia Genrihovna bil-ghan li dawk il-persuni jigu sfruttati ghall-prostituzzjoni billi taw jew ircievew hlasijiet jew beneficcji sabiex jottjeni l-kunsens tal-persuna li kellha l-kontroll fuq persuna ohra;

2) U aktar talli, f’dawn il-Gzejjer, fix-xahar ta’ Gunju 2004 u fix-xhur precedenti, b’diversi atti maghmulin minnhom, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda:

a) Xjentement ghex ghal kollox jew in parti mill-qliegh tal-prostituzzjoni ta’ persuni ta’ nazzjonalita’ barranin,

b) Zamm jew ezercita jew kellu sehem ma’ ohrajn fl-ezercizzju ta’ burdell jew ta’ dar, hanut jew lokal iehor jew ta’ xi parti minnhom li huma ffrekwentati jew maghduda bhala li huma ffrekwentati ghal skop ta’ prostituzzjoni jew ghal skopijiet ohra immorali,

3) --omissis—

4) Talli bhala s-sid jew li ghandu taht idejh l-amministrazzjoni ta’ dar jew fond 74, Triq il-Lampara, Bahar ic-Caghaw, limiti tan-Naxxar, xjentement ta b’kiri, jew ipermetta l-uzu ta’ dan il-post ghal skop ta’ prostituzzjoni;

5) –omissis—

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar id-9 ta’ Settembru, 2004 a fol. 97 ta’ l-atti processwali.

Innutat li l-imputat iddikjara li m’ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tat-2 ta’ Lulju, 2004 l-imputat kien ghal kull buon fini iddikjara li hu qed jammetti l-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Innutat ukoll li fl-istess Seduta tat-2 ta’ Lulju, 2004 il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega’ wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Innutat ukoll li fl-istess Verbal Dr Roberto Montalto ghall-imputat iddikjara li in vista ta’ tali ammissjoni l-imputat minn issa huwa dispost li jikkollabora mal-Pulizija fl-investigazzjonijiet taghhom.

Inoltre innutat li fil-Verbal tas-Seduta tat-12 ta’ Novembru, 2004 l-imputat rega’ ikkonferma l-ammissjoni tieghu rigward l-akkuzi migjuba kontra tieghu.

Fl-istess Seduta tat-12 ta’ Novembru, 2004 il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega’ wiegeb li hu hati.

Innutat ukoll li fil-Verbal tas-Seduta tad-19 ta’ Settembru, 2005 l-imputat ikkonferma li hu qed jammetti l-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u li fl-istess Seduta tad-19 ta’ Settembru, 2005 il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega’ wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Inoltre innutat li fil-Verbal tas-Seduta tad-19 ta’ Settembru, 2005 Dr Roberto Montalto ghall-imputat iddikjara li l-imputat diga’ qed jikkopera mal-Pulizija u sejjer ikompli

jaghmel hekk inkluz billi jixhed f'kull procedura li l-Pulizija tharrku biex jixhed.

Innutat ukoll li fl-istess Verbal tas-Seduta tad-19 ta' Settembru, 2005 l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Raymond Aquilina iddikjara li hu konsapevoli li l-imputat biddel hajtu u llum ghandu xoghol fiss u li ghandu familja li tinkludi tifel ta' sena u li safejn jaf hu l-imputat wara li sehh il-kaz odiern ma kellux kazijiet godda quddiem il-Qorti.

Inoltre innutat li fil-Verbal tas-Seduta tad-19 ta' Settembru, 2005 l-imputat iddikjara li hu jiddispjacih tal-akkadut.

Innutat ukoll li l-Ispettur Louise Calleja ghall-Prosekuzzjoni iddikjarat fil-Verbal tas-Seduta tallum li jekk il-Qorti sejra tordna il-konfiska ta' mobile phones u Sim Cards li gew esebiti fl-Atti tal-Inkjesta li l-Process Verbal taghha gie presentat fl-atti ta' din il-kawza bhala Dok CA1 u li fir-Relazzjoni tal-Espert Martin Bajada (Dok MB) dawn il-mobile phones ghandhom l-Exhibit Tag No. 04095, 04096, 04097 u 04098 rispettivament, titlob li l-Qorti ma tordnax id-distruzzjoni ta' tali oggetti stante li jistghu jigu utilizzati fi proceduri f'kawzi ohra.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 248A, 248B, 18, 17(b)(h), 31, 20, 23, 30 u 533 tal-Kodici Kriminali u l-artikoli 7, 8, 9, 10, 12 u 14 tal-Kap. 63 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Sandro Psaila, fuq ammissjoni hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi minn naha l-wahda l-fedina penali ta' l-imputat (ara fedina penali aggornata datata 20 ta' Settembru, 2005 – Dok SPF1), l-istadju li fih ammetta l-ewwel darba l-akkuzi l-imputat, dak dikjarat minn Dr Roberto Montalto ghall-imputat fil-Verbal tas-Seduta tat-2 ta' Lulju, 2004 u dak tad-19 ta' Settembru, 2005 u riportati aktar qabel f'din is-Sentenza u dak dikjarat mill-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Raymond Aquilina fil-Verbal tas-Seduta tad-19 ta' Settembru, 2005 u riportat aktar qabel f'din is-Sentenza, kif ukoll li fil-Verbal tas-Seduta tad-19 ta'

Settembru, 2005 l-imputat iddikjara li hu jiddispjacih tal-akkadut u tenut kont mill-banda l-ohra il-gravita' tal-akkuzi migjuba kontra l-imputat u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat Sandro Psaila ghall-piena komplessiva ta' sentejn (2) prigunerija u sitt mitt Liri Maltin (Lm600) multa u tordna li din is-Sentenza nkwantu ghall-piena ta' prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perijodu ta' erba' (4) snin millum l-imputat Sandro Psaila jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Inoltre a tenur tal-artikolu 23 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tenut kont dak dikjarat fil-Verbal tas-Seduta tallum mill-Ispettur Louise Calleja ghall-Prosekuzzjoni in rigward ghal eventwali konfiska kif riportat aktar qabel f'din is-Sentenza, il-Qorti tordna l-konfiska tal-Mobile Phone tal-marka Motorola Exhibit Tag 04095, tal-Mobile Phone tal-marka Samsung Exhibit Tag 04096, tal-Mobile Phone tal-marka Nokia Exhibit Tag 04097 u tal-Mobile Phone tal-marka Nokia Exhibit Tag 04098 u is-Sim Cards relattivi taghhom, liema mobile phones u Sim Cards gew esebiti fl-Atti tal-Inkjesta li l-Process Verbal taghha gie presentat fl-atti ta' din il-kawza bhala Dok CA1 u li fir-Relazzjoni tal-Espert Martin Bajada (Dok MB), liema relazzjoni tinsab fl-imsemmi Process Verbal, huma fotografati rispettivament bhala Dok MB8, Dok MB6, Dok MB4 u Dok MB2.

Il-Qorti, a tenur tal-artikolu 533 tal-Kap. 9, tordna lill-imputat Sandro Psaila ihallas minnufih lir-Registratur tal-Qrati is-somma ta' hamsin Liri Maltin u erbatax-il centezmu (Lm50.14) bhala kwinta parti (1/5) tat-total ta' mitejn u hamsin Liri Maltin u tmienja u sittin centezmu (Lm250.68) bhala spejjez ta' l-Espert PS 94 Jack Farrugia – total Lm43 u tal-Espert Tekniku Martin Bajada – total Lm207.68, liema esperti gew mahtura fl-istadju tal-Proces Verbal tal-Inkjesta, liema Process Verbal hu esebit fl-atti ta' din il-kawza bhala Dok CA1.

Il-Qorti qed taghti lill-imputat Sandro Psaila l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Finalment ghal fini tal-konfiska hawn fuq ordnata u ta’ dak dikjarat mill-Ispettur Louise Calleja ghall-Prosekuzzjoni fil-Verbal tas-Seduta tallum riportat aktar qabel f’din is-Sentenza, tordna li ir-Registratur tal-Qrati jigi notifikat b’kopja ta’ din is-Sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------